

**Talba għal opinjoni mressqa mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 300(6) KE**

**(Opinjoni 1/09)**

(2009/C 220/24)

*Lingwa tal-proċedura: Il-lingwi uffiċjali kollha*

**Talba mressqa mill-**

Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-C. Piris, F. Florindo Gijón, G. Kimberley, aġenti)

**Domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja**

Il-ftehim previst li joħloq sistema unifikata għas-soluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-privattivi (attwalment imsejjaħ "Qorti għal Privattivi Ewropej u Komunitarji")<sup>(1)</sup> huwa kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea?

<sup>(1)</sup> Dokument ta' ħidma tal-Kunsill rigward test rivedut tal-Presidenza dwar Abbozz ta' Ftehim dwar il-Qorti għal Privattivi Ewropej u Komunitarji u Abbozz ta' Statut (Dokument 7928/09 tat-23 ta' Marzu 2009).

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 2009 — Galileo Lebensmittel GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-483/07 P)<sup>(1)</sup>**

**(Appell — Rikors għal annullament — Riżervazzjoni mill-Kummissjoni tal-isem tad-dominju "galileo.eu" — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE — Deċiżjoni li tikkonċerna individwalment persuna fiżika jew ġuridika — Rikors manifestament infondat)**

(2009/C 220/25)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

Appellanti: Galileo Lebensmittel GmbH & Co. KG (rappreżentant: K. Bott, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Braun u E. Montaguti, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla), tat-28 ta' Awwissu 2007, fil-kawża T-46/06, Galileo Lebensmitte vs Il-Kummissjoni, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet bħala inammissibbli r-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirriżerva, skond l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004, tat-28 ta' April 2004, li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-dominju tal-Ogħla Livell the.eu [.eu] u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni (ĠU L 162, p.

40), l-isem tad-dominju "galileo.eu" bħala isem ta' dominju riżervat għall-użu tal-istituzzjonijiet, l-organi u l-korpi tal-Komunità — Rekwiżit li r-rikorrent ikun ikkonċernat individwalment mid-deċiżjoni kkontestata — Ksur tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Galileo Lebensmittel GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 8, 12.1.2008

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 2009 — AMS Advanced Medical Services GmbH vs Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), American Medical Systems, Inc.**

**(Kawża C-565/07 P)<sup>(1)</sup>**

**(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark figurattiva AMS Advanced Medical Services — Reġistrazzjoni rrifjutata parzjalment — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Appell li sar irrilevanti — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni)**

(2009/C 220/26)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

Appellanti: AMS Advanced Medical Services GmbH (rappreżentant: S. Schäffler, Rechtsanwältin)

Partijiet oħra fil-kawża: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), (rappreżentant: G. Schneider, aġent), American Medical Systems, Inc. (rappreżentanti: H. Kunz-Hallstein u R. Kunz-Hallstein, Rechtsanwältin)

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tat-18 ta' Ottubru 2007, AMS vs UASI — American Medical Systems (AMS Advanced Medical Services) (T-425/03), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet rikors għal annullament ippreżentat mill-applikant għat-trade mark figurattiva Komunitarja "AMS Advanced Medical Services" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 10 u 42 kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Settembru 2003, li annullat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u laqgħet parzjalment l-oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade mark verbali nazzjonali "AMS" — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Ammissibbiltà ta' talba għal provi tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti mressqa għall-ewwel darba mill-applikant quddiem il-Bord ta' l-Appell

**Dispożittiv**

- 1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar l-appell ippreżentat minn AMS Advanced Medical Services GmbH.